**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.A. (Melit); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Frar, 2019**

**Talba Nru: 527/2017 PM1**

**Aluserv Limited (C16207)**

**Vs**

**Absolute Constructions Limited (C31528)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-sbatax (17) ta' Novembru, elfejn u sbatax (2017) illi permezz tieghu s-socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' hames elef euro (€5000) konsistenti mis-somma ta' hamest elef, erba' mija u tnejn u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€5482.28) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet prestati mill-istess attrici lill-intimata neqsin is-somma ta' erba' mija u tnejn u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€482.28) rapprezentanti tnaqqis intiz biex jaghmel tajjeb ghal-uzu da parti tas-socjeta` attrici tal-*crane* li kienet kriet is-socjeta` konvenuta intimata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta inkluz tal-ittra ufficjali bin-numru 522/2017.

Ra d-dokument anness mal-istess avviz konsistenti minn kopja tal-atti tal-ittra ufficjali surreferita (fol. 2 et. seq tal-process).

Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana minhabba s-segwenti ragunijiet:

1. Illi l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici m'huwiex dovut stante li dan huwa manifestament eccessiv ;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u f'kull kaz s-socjeta` attrici ghandha tigi kkundannata thallas d-danni rapprezentanti l-ispejjez li kellha tinkorri s-socjeta` intimata kkagunati mill-istess socjeta` attrici u hija ghal din ir-raguni ukoll li l-ammont kif mitlub mis-socjeta` attrici m'huwiex dovut mis-socjeta` konvenuta,
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba tal-istess socjeta` konvenuta li permezz taghha talbet li dan it-Tribunal, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, jiddikjara li s-socjeta` attrici rikonvenzjonata kkawzat diversi danni lis-socjeta` konvenuta, tillikwida d-danni sofferti mill-istess konvenuta u tordna lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata thallas s-somma hekk likwidata oltre l-imghax legali lill-istess socjeta` konvenuta, bl-ispejjez kontra l-attrici ingunta in subizzjoni.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 8 ta' Frar, 2018 ossija provvediment mitlub mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici u li, permezz tieghu it-Tribunal ordna l-prosegwiment tal-kawza odjerna ghar-ragunijiet kollha hemmhekk moghtija.

Ra r-risposta tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` intimata u li, permezz taghha, eccepiet :

Illi t-talbiet fil-kontro-talba huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li s-socjeta` attrici gia` naqset ammont li huwa oltre (milli) gustifikat ghall-uzu tal-*crane* u ghalhekk m'hemm ebda danni li gew kkawzati lis-socjeta` konvenuta li ghadhom pendenti. Ghaldaqstant it-talbiet ghandhom jigu michuda salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Sema li, waqt is-seduta tal-20 ta' Marzu, 2018 it-Tribunal iddikjara li ghal dik is-seduta kien gie mharrek il-Perit Michael Anastasi u informa lill-partijiet illi l-familjari tal-istess Perit Anastasi u cioe` kemm il-genituri tieghu u kif ukoll iz-zijiet tieghu huma klijenti tal-gudikant sedenti.

Ra li waqt l-istess seduta r-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici iddikjarat li hija m'ghandhiex oggezzjoni illi t-Tribunal kif presjedut ikompli jisma' l-kaz filwaqt li r-rapprezentant legali tas-socjeta` konvenuta irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-istess Tribunal.

Illi wkoll waqt l-istess seduta it-Tribunal, wara li ra li l-Perit Michael Anastasi mhux parti f'dawn il-proceduri u li ntalab jixhed dwar punti teknici, ordna l-prosegwiment tal-kawza quddiem it-Tribunal kif presjedut.

Sema x-xhieda ta' Mark Vassallo, tal-Perit Michael Anastasi u ta' Ryan Schembri oltre li ra d-dokumenti ezebiti waqt l-istess seduta tal-20 ta' Marzu, 2018.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Curmi waqt is-seduta tas-16 t'April, 2018 f'liema seduta s-socjeta` attrici ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci.

Sema' x-xhieda ta' Saviour sive Sammy Attard waqt is-seduti tas-27 ta' Gunju, 2018 u tat-18 ta' Settembru, 2018.

Ra d-dokumenti immarkat Dok. KG1 ezebit a fol. 70 tal-process.

Sema x-xhieda ta' Raymond Cutajar moghtija waqt is-seduta tal-hamsa (5) ta' Frar, elfejn u dsatax (2019).

Ra li waqt l-istess seduta s-socjeta` konvenuta ddikjarat li m'ghandhiex aktar provi x'tipproduci.

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda talba da parti tas-socjeta` attrici ghall-hlas lilha tal-prezz pattwit fir-rigward ta' xogholijiet prestati mis-socjeta` attrici a favur tas-socjeta` konvenuta fir-rigward ta' kuntratt t'appalt li din tal-ahhar kienet accettat fuq offerta ta' terzi. Il-kawza tinkludi wkoll kontro-talba da parti tas-socjeta` intimata fir-rigward ta' danni li hija allegatament sofriet peress illi « *s-socjeta` attrici rikonvenzjonata damet oltre l-hin miftiehem ghax-xogholijiet li kellha twettaq waqt il qed tuza dan il-*crane *(mikri mis-socjeta` intimata)* ». Dawn id-danni jikkonsistu minn allegat « *hin mitluf u* (…) *dewmien fix-xogholijiet* » (skont il-premessi tal-kontro-talba a fol. 14 tal-process).

Illi fl-ewwel lok jehtieg li jigi nutat illi t-Tribunal odjern huwa marbut li jiddetermina il-vertenza imressqa quddiemu avut rigward kemm ghat-talba kif ukoll ghall-eccezzjonijiet imressqin ghaliha. Ghalkemm tramite s-sottomissjonijiet bil-fomm u wkoll tramite l-provi imressqin minnha, s-socjeta` intimata pruvat targumenta illi hija m'hijiex tenuta thallas l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici billi tghid illi hi qatt ma ngaggjat is-servizzi taghha, jigi nutat minnufih li ma tressqet da parti tal-istess socjeta` intimata ebda

eccezzjoni f'dan is-sens imma llimitat ruhha filli, tramite l-istess eccezzjonijiet, tikkontensta it-talba bhala wahda esagerata, dan anke in vista tad-danni allegatament sofferti minnha.

Illi madanakollu, u ghal kull buon fini kif mehtieg ukoll mill-ekwita` illi biha t-Tribunal odjern huwa marbut li jiddeciedi l-kawzi imressqin quddiemu, jirrizulta car li t-talba attrici tirrigwardja prezz ta' xogholijiet rigwardanti konsenja ta' *brackets* liema prezz kien gie regolarment pattwit mill-istess attrici mal-intimata tramite l-intervent tal-Perit Michael Anastasi. F'dan ir-rigward huwa l-istess rapprezentant tas-socjeta` intimata Saviour sive Sammy Attard li ghalkemm jghid "*jiena lill-klijent qatt ma kellimtu direttament dejjem kellimt direttament lill-perit*" (fol. 57 tal-process) xehed ukoll, in kontro-ezami, li: "*Jiena kont qbilt mas-suggeriment tal-perit li nahdmu mal-Aluserv, anzi nghid li jiena ghalija ma kienx jaghmel differenza wara li rajt il-prezzijiet li kien offrielna l-perit stess fir-rigward ta' din is-socjeta`. Ma niftakarx b'mod partikulari jekk il-prezz kienx aktar vantaggjuz minn dak ta' kumpaniji ohrajn nghid pero` li kien hemm forsi l-iktar l-iktar differenza zghira u peress li l-perit kien diga' hadem mal-istess kumpanija jiena accettajt li nahdem ma' din il-kumpanija*" (fol. 63 tal-process). A konferma ta' dan l-istess Perit Anastasi ukoll ikkonferma li: "*Fir-rigward tal-bqija tax-xogholijiet koncernanti l-brackets huwa (Attard) tani struzzjonijiet sabiex infittex lil terzi persunu li setghu jaghmlu dan l-istess xoghol. F'dan ir-rigward gbart stima minghand Aluserv Limited* (…) *sakemm dawn l-istimi kienu qed ikunu inqas mill-ammont indikat min-naha ta' Steel Structures ghax-xogholijiet taghhom jien kont qed napprovahom*" (fol. 28 et. seq tal-process). In kontro-ezami l-istess Perit kompla jixhed kif "*jiena kont ircevejt go ahead min-naha ta' Sammy Attard biex jiena nkun nista' ninnegozja l-prezz relattiv ghal dawn ix-xogholijiet tal-hadid kif semmejt aktar qabel. Ovvjament l-interess tieghu kien li ma johrogx flus mill-but wara li jithallas minn AMS Realty Limited*".

Illi f'dan ir-rigward jirrizulta wkoll li, in linea mal-appalt taghha, s-socjeta` konvenuta sahansitra diga` thallset ghal dawn l-istess xogholijiet – inkluzi allura s-somom issa reklamati mis-socjeta` attrici permezz ta' din il-kawza. F'dan ir-rigward l-istess Perit

Anastasi xehed li "*wara li kien inhareg il-kont min-naha tieghu, AMS Realty Limited fil-fatt hallset ta' kollox lil Absolute Constructions Limited. Dan il-pagament kien jinkludi wkoll il-pagament spettanti lil Aluserv Limited. Dan il-pagament sar fl-ghaxra (10) t'Awwissu, elfejn u sittax (2016)* » (fol. 29 tal-process).

Illi ghaldaqstant it-Tribunal m'ghandu ebda dubbju li l-prezz mitlub permezz ta' din il-kawza jirrigwardja xogholijiet li gew prestati mis-socjeta` attrici, inkluz allura prezz ta' *brackets* suppliti u mwahhlin, lis-socjeta` konvenuta skont kif regolarment patwit bejn il-partijiet f'din il-kawza u mhux terzi persuni li fi kwalunkwe kaz, kif inghad hawn fuq, la kienu l-mertu ta' eccezzjoni f'dan is-sens mill-intimata u lanqas ma gew identifikati kif mehtieg espressament mir-regolamenti 6 tar-**Regoli dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar**. Jirrizulta wkoll li dawn il-*brackets* is-socjeta` konvenuta utilizzathom fil-kuntest ta' kuntratt t'appalt li kellha ma' AMS Realty Limited imma dan ma jwassalx ghall-varjazzjoni tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet f'din il-kawza. Jirrizulta wkoll li s-socjeta` intimata diga` thallset ghal dawn ix-xogholijiet mill-istess AMS Realty Limited imma qed tirrifjuta li, min-naha taghha, thallas lill-attrici ghar-ragunijiet indikati fl-eccezzjonijiet taghha u l-kontro-talba relattiva – dan minkejja li kienet hi li ghazlet li tingaggjaha ghax-xogholijiet prestati.

Illi fir-rigward tal-eccezzjonijiet imressqin mill-konvenuta ma jidhirx li, sakemm wiehed jikkunsidra biss ix-xoghol prestat mill-attrici lill-konvenuta, hija gustifikata l-eccezzjoni tal-intimata li tali prezz mitlub huwa wiehed ezagerat. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel referenza ghad-dokument ezebit bhala Dok. B (fol. 37 tal-process) datat 4 t'April, 2016 u ghall-email datata wkoll 4 t'April, 2016 li permezz taghha jirrizulta car li s-socjeta` intimata, tramite l-Perit Anastasi, kienet qed taccetta l-istima hemmhekk mibghutha lilha. Huwa l-istess Attard li, kif citat hawn fuq, jikkonferma li kien awtorizza lill-Perit Anastasi sabiex jigbor tali stimi u li, konsegwentement, accetta li jahdem bis-socjeta` attrici. Huwa car allura li issa l-intimata ftit li xejn tista' targumenta li tali stima hija wahda ezagerata gjaladarba kienet hija stess li accettat l-istess tramite l-Perit kif

debitament awtorizzat f'dan ir-rigward u a bazi ta' tali accettazzjoni saru x-xogholijiet rikjesta minnha.

Illi madanakollu jifdal sabiex jigi determinat jekk hijiex gustifikata t-talba rikonvenzjonali imressqa mill-intimata li permezz taghha qed titlob, kif inghad, danni sofferti minnha bhala konsegwenza tal-fatt li "*s-socjeta` attrici rikonvenzjonata damet oltre l-hin miftiehem ghax-xogholijiet li kellha twettaq waqt il qed tuza dan il-*crane *(mikri mis-socjeta` intimata)*" (kontro-talba tas-socjeta` konvenuta).

Illi f'dan ir-rigward jinghad li mill-provi prodotti irrizulta kjarament li dakinhar illi fih kellhom isiru x-xogholijiet, s-socjeta` intimata kienet rat li takkwista *crane* liema *crane* kellu jintuza wkoll mis-socjeta` attrici sabiex tkun tista' twahhal il-*brackets* ordnati fis-sit in kwistjoni. Gara izda li dan ix-xoghol dam iktar minn dak li kien gie miftiehem bil-konsegwenza li, skont ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata, Saviour sive Sammy Attard ghalkemm "*jiena mal-ewwel ghamilt premura mal-haddiema tal-Aluserv sabiex ma jiehdux zmien proprju minhabba l-fatt li l-prezz ta' dan il-*crane *enormi kien konsiderevoli (u) apparti hekk jiena ridt ukoll li jkolli hin bizzejjed sabiex inkun nista' nikkonkludi x-xoghol tieghi stess fil-hin li kont ipprefissajt (... u) l-haddiem tal-Aluserv qaluli li dan kien xoghol ta' siegha kollox, jemm jitilghu bil-krejn u jwahhlu dawn il-brackets*" finalment "*l-haddiem tal-Aluserv damu sabiex wahhlu dawn il-*brackets *mis-sitta u nofs sas-siegha jew is-siegha u nofs ta' wara nofsinhar*" (fol. 59 et. seq. tal-process). Huwa jikkontendi wkoll li, ukoll konsegwentement ghal dan id-dewmien fix-xoghol, huwa kellu jhassar l-ordni tal-konkos u "*fil-fatt komplejt ix-xoghol l-ghada filghodu ovvjament sabiex nikkonkludi dan ix-xoghol xorta wahda kelli bzonn il-*crane *li semmejt*" (fol. 60 tal-process).

Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal isib li huwa minnu li s-socjeta` attrici uzat il-*crane* li s-socjeta` intimata kienet hallset ghalih oltre l-hin patwit u konsegwentement spettanti lilha u dan ghaliex huwa l-istess rapprezentant tas-socjeta` attrici, ossija Ryan Schembri l-Project Manager tal-istess socjeta`, li f'dan ir-rigward jikkonferma li "*originarjament*

*konna hsibna li ahna konna ser indumu sabiex naghmlu dawn ix-xogholijiet fuq medda ta' saghtejn.* (…) *Nghid li sabiex ahna lestejna x-xogholijiet esklussivament marbutin mal-brackets konna domna madwar erbgha hames sieghat* (…)". Abbazi ta' din ix-xhieda tal-Project Manager tal-istess socjeta` attrici Ryan Schembri it-Tribunal isib li hija gustifikata t-talba tas-socjeta` konvenuta li titlob li s-socjeta` attrici tikkontribwixxi ghas-sieghat zejda li ghalihom l-istess konvenuta kienet kostretta tikri l-*crane* sabiex dan jigi utilizzat mis-socjeta` attrici. Ghaldaqstant jispetta issa lit-Tribunal illi jillikwida dawk id-danni li s-socjeta` intimata giet li sofriet bhala konsegwenza ta' dan id-dewmien fix-xoghol. F'dan ir-rigward is-socjeta` intimata illimitat ruhha li tressaq bhala prova ricevuta ta' hlas rigwardanti l-kiri tal-*crane* minghand is-socjeta` Anking Construction Limited (Dok. KG1 a fol 70 tal-process). Ir-rapprezentant tas-socjeta` intimata xehed illi: "*Din l-ircevuta hija fl-ammont ta' elf mija u hamsin ewro (€1,150). Nghid illi dan l-ammont kien referibbli ghal-ewwel gurnata ta' xoghol u cioe' 02 ta' April, 2016.* (…) *Nghid li ahna konna krejnielu l-krejn taghna ghal gurnata pero' dak inhar hu ma kienx lesta x-xoghol u konsegwentement kellna nikruhulu ghal gurnata ohra.* (…) *Nghid li kien hemm l-ewwel saghtejn iccargjati bir-rata ta' hames mitt ewro (€500) fis-siegha kif spjegajt u dan ghal-ewwel saghtejn u l-bqija gew iccargjati b'mija u hamsin ewro (€150) fis-siegha.*" Matematikament dan ifisser li l-gurnata xoghol relattiva ghal tali ricevuta ezebita mill-konvenuta kienet tikkomprendi tlett sighat xoghol u mhux ferm iktar minn hekk kif seta' altrimenti jirrizulta mix-xhieda moghtija. Lilhinn mill-verzjonijiet tal-partijiet rispettivi, t-Tribunal isib li ma jistax imur oltre dak rizultanti proprju minn dina l-istess ricevuta – imhallsa mis-socjeta` konvenuta - fil-likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta.

Illi ghaldaqstant, tenut kont tas-surreferit, huwa car li jekk is-socjeta` attrici *ex admissis* utilizzat il-*crane* mikri mill-intimata a spejjez taghha oltre il-hin patwit u kwindi ghandha almenu twiegeb ghas-sighat zejda utilizzati minnha sabiex tlesta x-xoghol relattiv ghall-installar tal-*brackets.* It-Tribunal qieghed jikkunsidra li dawn is-sighat zejda kienu mhux aktar minn saghtejn u kwindi ammontanti ghal sitt mija u hamsin euro (€650) skont ir-rati

surreferiti (€500 ghat-tieni u €150 ghat-tielet siegha). Ghaldaqstant it-Tribunal isib li s-socjeta` attrici ghandha tirrifondi lis-socjeta` intimata is-somma ta' sitt mija u hamsin euro (€650) rapprezentanti danni li qed jigu likwidati skont kif mitlub mill-istess socjeta` intimata tramite l-kontro-talba taghha.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jigi ikkunsidrat ukoll li t-talba stess tal-attrici diga` tinkludi tnaqqis ta' erba' mija u tnejn u tmenin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€482.28) proprju f'dan ir-rigward peress illi l-attrici stess tammetti illi hija kellha tikkontribwixxi b'xi mod ghall-*crane* mikri mill-intimata u kwindi ghazlet li tpaci l-imsemmija somma mat-talba taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal isib li, avut rigward ghal dan it-tnaqqis ammess mis-socjeta` attrici, l-istess socjeta` attrici ghad fadlilha tirrifondi lill-intimata il-bilanc ta' mija sebgha u sittin euro u tnejn u sebghin centezmi (€167.72) rapprezentanti danni sofferti minn din tal-ahhar. Dan ifisser li, bi tpacija bejn iz-zewg figuri dovuti mis-socjetajiet rispettivi lil xulxin, is-socjeta` konvenuta hija debitrici fil-konfront tas-socjeta` attrici fis-somma bilancjali ta' erbat elef, tmin mija u tnejn u tletin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€4832.28).

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' limitatament l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata sakemm kompatibbli mas-surreferit u jichadhom ghall-bqija u konsegwentement jilqa' wkoll limitatament it-talba attrici, jichad ukoll limitatament u sakemm kompatibbli mas-surreferit l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghat-talba rikonvenzjonali u jilqa' l-istess kontro-talba limitatament fis-somma ta' mija u sebgha u sittin euro u tnejn u sebghin centezmi (€167.72). Konsegwentement bi tpacija bejn iz-zewg partijiet, it-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lill-attrici s-somma bilancjali tat-talba ammontanti ghal erbat elef, tmin mija u tnejn u tletin euro u tmienja u ghoxrin centezmi (€4832.28) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza. Spejjez relattivi kemm ghat-talba u kif ukoll ghall-kontro-talba u

ghall-ittra ufficjali bin-numru 522/2017 jigu sopportati in kwantu ghal kwart mis-socjeta` attrici u tlett kwarti mis-socjeta` konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**